***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 6**

**L-Erbgħa 13 ta' Novembru 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.30 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Janice Falzon – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**6.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'aploġija tal-Viċi Sindku is-Sinjurona Janice Falzon u l-Kunsillier is-Sijura Maryrose Mifsud.

**6.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 5 li saret Nhar l-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2024:</u>***

6.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur B Camilleri talab sabiex issir emenda ta' minuta 5.9.1 ta' paġna 8 is-sitt paragrafu fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ġie avviċinat min persuna illi għandu dgħajsa ta' felice li issa m'għadux juzah u dan kien jintuza f'Marsaskala bejn 50 u 60- sena ilu u dan lest li jtijulna bħala rigal u tajjeb ngħamluh show cased għaliex fih storja kbira fejn dan kien jintuza sabiex jgħallem it-tfal juzaw din id-dgħajsa għal tul ta snin. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ta l-idea li jitpoġġa San Tumas.*

6.2.1.3 Il-Kunsillier is-Sinorina Celine Camilleri talbet sabiex issir emenda ta' minuta 5.2.2.4 ta' paġna 3 it-tmien paragrafu fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal ir-riħa hi ta' hydrogen sulphate H2S u dak huwa carcinogenic.*

6.2.1.4 Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar talab sabiex issir emenda ta' minuta 5.10 ta' paġna 9 fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-7:45pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar L-erbgha 13 t' Novembru 2024 fis-6.00pm.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda s-Sindku. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

6.2.2 **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 5 li saret Nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2024:</u>**

6.2.2.1 Is-Sindku staqsa fuq paġna 3 paragrafu 5.2.2.4 staqsa lil Kunsillier Dr Patrick Camilleri jekk kienx preżenti għal-laqgħa tal-Wasteserv.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri wieġbu li ma kienx infurmat.

6.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 5.2.2.5 fejn qal li kuntent ħafna bil-progress li sar fuq il-knies u għad fadal kennies wieħed sabiex jkun hawn 8 fil-lokal. Huwa qal li l-mechanical sweeper qed taħdem ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq id-*doggy bins* sabiex isiru mar-rotta.

6.2.2.3 Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 5.2.2.10 fejn qal li ser jsir *hoarding.*

6.2.2.4 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 5.2.2.12 fejn qal li kellem lil Perit Testaferrata fejn qaltlu li qed taħdem fuqha.

6.2.2.5 Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 5.2.2.13 fejn talab lil Kunsillier is-Sur John B Camilleri biex jiċċekja kemm jiswew il-*washingtonia* illum għaliex l-aħħar li xtrajna kienu irħas.

6.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri tkellem fuq paġna 2 paragrafu 5.2.2.4- fejn staqsa jekk sarx ir-rapport fuq l-irwejjaħ.

Is-Sindku qal li l-laqgħa kienet tħasret u il-bieraħ ma kienx infurmat bil-laqgħa.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-Kunsilliera u qablu li l-problema ilha ħafna u hemm bżonn li tinsab soluzjoni. Ma jistax jistennew mir-residenti sabiex jidentifikaw ir-riħa.

Is-Sindku qal li Dr Buhagiar qed jispera li l-impjant ta' Barkat jitkabbar u l-iskart kollu ta Marsaskala jiġi trasferit hemm.

Il-Kunslllier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li s-sitwazzjoni preżenti mhux aċċettabli u trid titttieħed azzjoni immedjata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-Profs qallu li waqt il-laqgħa tal-bieraħ, il-Profs reġa qalilhom li din hija problema inaċċettabli, spejgalhom ukoll li filgħaxija ħmieġ tal-annimali ma jidħolx fl-impjant u filgħaxija jkun hemm riħa tintenn. Hemm propost li jikbru l-impjanti ta' Barkat u tal-Mellieħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li xi ħaġa ħazina fl-operat hemm għaliex fil-passat ma kienx ikun hemm dawn l-irwejjaħ.

Is-Sindku qal li fil-laqgħa li jmiss ser jitlobhom sabiex il-Kunsilliera jkunu preżenti.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li il-problema hija tal-impjant per se u jridu jsibu soluzjoni immedjata għaliex ma nafux jekk hux qed jgħamel ħsara lin-nies u anke ir-riħa hija insapportabli.

6.2.2.7 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 5 paragrafu 5.2.2.11 fejn qal li l-fanali ornamentali il-ġodda biex isiru suwed hemm żieda fl-ispiża ta madwar €32 fuq kull fanal fejn somma globali ser tkun madwar €2000 iktar fuq madwar 66 dawl ornamentali, jew inkella nieħdu il-kulur li hemm is-sample imwaħħal li huwa griż.

Il-Kunsill qabel li jsiru griżi.

6.2.2.8 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 8 paragrafu 5.9.1 fejn qal li illum mar ikellem lil sid il-kajik fejn qal li dan il-kajjik jistab f'kundizzjoni tajba ħafna pero irridu insibu karru u anke jinżamm ġo post ġewwa għaliex jekk jitqigħed barra jiddeterjora mill-ewwel. Huwa qal li irid isirlu kisja irqiqa ta' *fibre* qabel ma jitpoġġa barra.

Il-Kunsill qabel li tinġib kwotazjoni tar-restawr u sadanittant jitpoġġa ġol garaxx tal-kunsill.

6.2.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 paragrafu 5.2.2.5 fejn staqsa għal kopja tar-rottot tal-istreet sweeping.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser ngħadduha.

6.2.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 5.2.2.7 fejn staqsa rigward il-pillbox ta' Apap Bologna.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dak huwa privat u hemm indikazzjoni li ser jgħamel manutenzjoni.

6.2.2.11 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 paragrafu 5.2.2.8 fejn staqsa jekk għandiex il-pjanta tal-isports complex.

Is-Sindku wieġbu li ktibnilhom u hemm konferma li latrina mhux ser tkun inkluża fl-isports complex

6.2.2.12 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 paragrafu 5.2.2.13 fejn staqsa jekk hux ser jitkompla l-lift u jinfetaħ it-taraġ u jitneħħa l-ħadid.

Is-Sindku wieġbu li ma jistax jinfetaħ għax hemm il-periklu.

6.2.2.13 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 paragrafu 5.2.2.13 fejn qal illi sakemm jinbidlu is-sigar għandhom jinqalgħu

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri wieġbu li qed jiċċekkja fuqha.

Is-Sindku qal ukoll li jitkellem ukoll mal-kuntrattur tagħna.

6.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

6.3.1 **<u>Żieda fid-notch ta Claire Attard f'Jannar 2025 għal skala 10 point 6 u Sharon Schembri f'Diċembru Skala10 point 7</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan

6.3.2 **<u>PC0016/24 7 Kiki Triq ir-Ridott Marsaskala</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi parti mill-bini li qiegħed ġo *ecological scientific importance* u l-bini li qiegħed fil-*green area* ser jiġi ixxiftjat ġoż-żona li hija *semi detached bungalow area.*

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li bħala Kunsill għandna nieħdu pożizjoni li l-bini min-naħa tal-baħar ser jitneħħa u jiġi man-naħa tat-triq naqblu magħha. Huwa kompla jgħid li bħala bini propost għandna nkelmu lil Perit tagħna sabiex jgħidilna jekk huwiex skond il-policies.

6.3.3 **<u>Talba ghall-informazzjoni dwar il-pixxina ta' Marsaskala (35/3128/24/I)</u>**

Il-Kunsill iddiskuta komunikat ming naħa tal-Ministeru illi l-latrini mhux ser tiġi inkorporata mal-proġett tal-pixxina.

Il-Kunsillier John B Camilleri qal la għandna l-konferma nistgħu nitolbu lil Perit jibgħatilna żewġ stimi waħda biex taqa u l-oħra biex tiġi rrenġata.

6.3.4 **<u>Proposal for Triq tal-Gardiel (35/3123/24/I)</u>**

Din ser tiġi mresqa fil-laqgħa li jmiss fil-preżenza tal-Viċi Sindku.

6.3.4.1 **<u>Proposal Bellavista traffic management (35/3028/24/I).</u>**

Il-Kunsillier Dr.Patrick Patrick Camilleri qal li din il-proposta ma tistax tiġi implimentata qabel ma jsiru t-traffic lights fi Triq Sant Antnin għaliex inkella mhux ser jissolva xejn

Kien hemm diskusjoni fuq din il-pjanta proposta u Kunsill qabel bħala sistemi tal-*traffic management* pero qabel li ma jintilfux parkeġġi fejn hemm il-*buildouts* u din tiġi implimentata biss jekk jsiru il-lights fi Triq Sant'Antnin peress li dan huwa proġett ħolistiku.

6.3.4.2 **<u>Request for Bustop Triq San Gwakkin</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan il-bus stop fil-bidu tat-triq fejn jibda l-bini.

6.4 **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

6.4.1 ***<u>Mistoqsija 001 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri:</u>***

*Nixtieq nistaqsi meta ser jibda l-proċess li jigu nstallati ċ-charging points ġodda f'Marsaskala inkluż dak f'Bellavista.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hemm proposta waħda fi Triq il-Friefet u qed jiġu nstallati ftit ftit.

6.4.2 ***<u>Mistoqsija 002 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri:</u>***

*Nixtieq nistaqsi sabiex sakemm is-sistema tat-traffic biex toħroġ minn BellaVista mhux ser tiġi rranġata nistgħux għalmenu nitolbu li il-lights ta' quddiem l-Inspire jaqilbu waħedhom għal tletin sekonda kull tliet minuti ħalli nnaqsu il kongestjoni tat-traffiku minn u lejn BellaVistameta ser jibda l-proċess li jiġu nstallati ic-charging points ġodda f'Marsaskala inkluż dak f'Bellavista.*

Din ġiet diskussa iktar kmieni.

6.4.3 ***<u>Mistoqsija 003 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Patrick Camilleri:</u>***

*Nixtieq nistaqsi peress li l-Bidni u anke il family Park ħafna drabi qegħdin ikunu fid-dlam. Hemm bżonn li din is-sitwazzjoni tigi rrangata immedjatament speċjlament tal-Bidni li qiegħed ikun fi dlam ċappa.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-*family park* huwa privat, iżda hemm kumitat tal-*family park* li huwa membru tiegħu u irrapurtah diversi drabi.

**6.5 <u>Rapporti:</u>**

6.5.1 **<u>Preżentazzjoni tal-Budget għas-sena 2025</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda biex jispjega il-budget u qal illi l-uniku ħaġa li qed tinkwetah huma t-*tipping fees* fejn huwa spjega lil Kunsilliera x'inhu *tipping fees* fejn qara l-allokazzjoni għas-sena 2024 kienet ta' €220,000 filwaqt li in-nefqa sa issa kienet €300,000.

Is-Sindku qal li skond l-*Accountant* is-sena id-dieħla qalet li hemm ċans li titla għal €400,000.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-aħħar laqgħa li kellhu r-reġjun din il-problema ġiet diskussa għaliex din hija problema tal-Kunsilli kollha, fejn il-President spjega illi dan il-kuntrattur tefa rata baxxa u hekk qed jistenna li jiġi mwaqqaf, pero` huwa kompla jispjega illi t-tieni u tielet bidder ma jridux jaħdmuh ix-xogħol għaliex ir-rata tagħhom hija baxxa ukoll u filwaqt li r-raba bidder huwa ħafna iktar għoli mil-kuntrattur preżenti anke wara l-ammont ta flus li kull kunsill qed jeħel fit-*tipping fees* xorta jiġi iktar għoli. Is-Sindku qal li din mhux problema tar-Regjun tagħna biss imma anke Regjun oħra.

Is-Sindku qal li bħala Reġjun qed jitkellem mal-Gvern sabiex jiġu allokati iktar flus lil Kunsilli.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li bħala servizz morna għar milli aħjar. Huwa kompla ma dak li kien qed jgħid is-Sindku u qal fejn għandu jsir paragun ma dak li kien jintefaq u dak li qed jitefaq u nitolbu iż-żieda lil Gvern.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien diġa kiteb lid-direttur ġenerali u talbu sabiex kull kunsill jibgħat informazzjoni mhux ta kemm jħalsu *tipping fees* imma l-piż ta' skart biex naraw jekk dan żiedx minn mindu daħal il-kuntrattur tar-reġjun. Huwa qal li hemm allegazzjoni għaddejja li qed jimtela b'piż ta skart li ma jkunx inġabar mill-lokal. Huwa qal li huwa tal-opinjoni li jrid jiġi ngaġġat peruna fejn kull nhar ta tlieta u sibt tiċċekja il-vannijiet tal-iskart qabel jidħlu fil-lokal umbgħad jiġu moniterjata mid-data track. Huwa qal li ir-reġjun tawh sal-aħħar ta Novembru sabiex jinstalla d-*datatrack* fil-vannijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-Budget 2025 u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**6.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***

Ma kienx hemm items oħra

**6.7** ***Korrispondenza:***

**6.7.1** **Marsaskala Old People's Home Booklet (35/2982/24/I):**

Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**6.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 6:**

**6.8.1** Il-Kunsillier qal sabiex pagament nru.6653 tan-Nexos Street Lighting ma jitħallasx għalissa sakemm jiċċejah.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippronа l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**6.9** **Mozzjonijiet:**

**6.9.1** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar u issekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (Nru 015 – 4/11/24):**

*"Jipproponi peress illi kellmuni xi residenti mill-area tal-Plier Ħaż-Żabbar, dwar il-fatt illi ir-rotta ta' filgħodu bin-numru 204 (Direzzjoni Mater Dei – Univerista') illi titlaq mill-venda ta' Marsaskala, qed tilħaq tkun mimlija, u mhux qed trikkeb u taqdi studenti u persuni li jkunu jridu jirkbu l-istess rotta, minn kwalunkwe bus stage, fi triq Sant Antnin u Triq Villabate (Marsaskala By Pass), partikolarment mill-area tal-Plier, qiegħed jiġi propost illi niġbdu l-attenzjoni ta' Malta Public Transport, sabiex jiżdiedu ir-rotot li jitilqu lejn din id-destinazzjoni matul is-siegħat ta' filgħodu, għaliex skont l-iskeda hemm biss waħda li titlaq fis-06.51AM u oħra li titlaq 07.51AM.*

*Jidher illi dan mhux biżżejjed biex jaqdi n-numru ta' studenti illi jirkbu din ir-rotta minn Marsaskala u studenti oħrajn li jridu jinqdew bl-istess rotta tul il-Bypass ta' Marsaskala, għaliex dejjem tgħaddi full-up.''*

Is-Sindku qal li din ilhom jitkelmhua fuqha u jidher li waslu fil-fażi li tiġi mplimentata ic-circulation bus.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li huwa qed jitlob iktar frekwenza ta buses li jitilqu mit-terminus.

Kien hemm qbil li niktbu lis-Sur Ivan Pierre Vella u nikkupjaw lil Ministru.

**6.9.2** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru 016 – 4/11/24):**

"Jipproponi li dawl ġdid fuq il-moll il- kbir  ta Triq San Ġorġ.''

*Il-Kunsill qabel unanimament.*

**6.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00pm.  Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 13 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |